MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2004

Talba Numru. 1696/2003

**Dr. Neville Montanaro Gauci bhala prokuratur ta' Dr. Michelle Montanaro Gauci**

**Vs**

**Dr. Renzo Porsella Flores mahtur kuratur deputat biex jirraprezenta lil assenti Ingo Brauner**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-1 ta' Settembru 2003 fejn l-attrici talbet sabiex il-konvenut ihallas is-somma ta' Lm733 (seba` mija u tlieta u tletin Lira Maltin) rapprezentanti ta' arretrati ta' kera.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-
Jghid ghaliex ma ghandux ikun ikkundannat ihallas lil esponent is-somma ta' Lm733 (seba` mija tlieta u tletin lira Maltin) rapprezentanti arretrati ta' kera u aretrati ta'

kontijiet ta' elettriku mil-fond 4/2 Clorsturs Walk, Carmel Sant, San Giljan.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' mandat ta' sekwestru numru 1784/03 ottenut kontra l-konvenut li hu minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad:-
L-esponent jeccepixxi li huwa ma jaf xejn dwar il-fatti tal-kawza u kif l-attur noe jghaddilu l-indirizz ta' Ingo Brauner huwa jipprova jaqbad mieghu; barra hekk l-attur noe ghandu jghaddilu t-taghrif kollu li ghandu sabiex ikun jista` jaqdi dmiru kif imiss;

Ghaldaqshekk l-eccippjenti jirriserva d-dritt li jressaq l-eccezzjonijiet tieghu aktar 'il quddiem.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:
Illi l-azzjoni odjerna hija azzjoni derivata minn skrittura lokazzjoni indikata a fol 37 fis-17 ta' Gunju 2004. Illi l-arretrati mitluba ma gewx kontestati u gew pruvati. Anki l-ammonti tad-danni gew konfermati.

Jiddeciedi billi jilqa` t-talbiet attrici u jikkundanna lil konvenut ihallas is-somma ta' Lm733 bl-ispejjez u interessi kif mitluba kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------